MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 204/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fis-27 ta' Gunju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi fit-12 ta' Jannar 2004 l-partijiet ghaddew minn cerimonja taz-zwieg fir-Registru Pubbliku (Dok A);

Illi l-partijiet saru jafu lil xulxin tliet xhur biss qabel ma zzewgu;

Illi l-konvenut qatt ma gab ruhu ta' mizzewweg fil-konfront ma' martu l-attrici u ried biss jibqa' jghix hajja ta' guvni;

Illi l-konvenut heba mill-attrici l-fatt li kellu zewg ulied minn relazzjoni precedenti u l-attrici kienet biss infurmata dwar dan wara z-zwieg;

Illi dan iz-zwieg huwa null stante li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew ghad-drittijiet u l-obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew b'anomalija serja li taghmilha impossibbli ghall-partijiet li jwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

Illi dan iz-zwieg huwa null stante li l-kunsens ghaz-zwieg tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara null u bla effett iz-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-12 ta' Jannar 2004 kif indikat f'estratt veru mill-Att taz-Zwieg numru 39/2004 u dan ai termini ta' l-artikolu 19 sub-artikolu 1 para (c), (d) u (f) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255).

2. Konsegwentement tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ma ppresentax nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci skond il-ligi.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits ta’ l-attrici u ta’ ohtha;

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Marzu, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-29 ta’ Ottubru, 1989 a bazi ta’ l-Artikolu 19 (1) (c), (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-konvenut huwa kontumacji u ma ressaqx provi izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; “*f’materja ta’ zwieg illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-Ligi u l-parti l-ohra tammetti u b’hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabilita’ ta’ xi kollizjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta’ zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu, l-istess zwieg ghandu jigi annullat, pero’ dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta’ dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju.*” (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ Novembru, 1991). Dan japplika anke f’kaz ta’ ammissjoni izda japplika izjed f’kaz fejn il-konvenut huwa kontumacji u ghaliex hu risaput illi l-kontumacja fl-ordimament guridiku taghna hija kontestazzjoni u mhux ammisjoni.

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;

19 (1) (c) – il-kunsens inkiseb b’qerq dwar il-kwalita’ tal-parti l-ohra li mix-xorta tieghu jista’ jfixkel serjament il-hajja mizzewga;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta’ xi parti li jkun b’difett serju

ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta’ xi parti jkun inkiseb b’eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall att taz-zwieg .

Mill-provi mressqa mill-attrici jidher li l-partijiet izzewgu wara li kienu jafu lil xulxin ghal tlett xhur. Il-pern ta’ l-azzjoni attrici hija li fil-mument li zzewgu l-konvenut kien gia’ kellu zewgt itfal minn mara ohra u dwar dan qatt ma qal lill-attrici. Infirdu wara biss tlett xhur. Skond l-attrici l-konvenut kien jiddejjaq jiltaqa’ ma’ nies li jafuh ghaliex skond hi kien jisthi juri li mizzewweg mara Gharbija. Ohtha tista tghid ikkonfermat dan kollu.

Il-Qorti pero hija konvinta li l-attrici ma tantx kienet taf wisq fuq il-konvenut li hija ta’ nazzjonalita’ barranija u meta zzewgitu ma tantx kien ghad kellha opportunita’ tkun taf sewwa l-karattru tieghu. Tenut kont tal-fatt li kien barrani, ma tantx lanqas kellha cans li tkun taf iktar. Il-fatt imbaghad li zzewget wara gherusija hekk qasira tikkonvinci l-Qorti li t-talba taghha ghandha tigi milqugha a bazi ta’ l-Artiklu 19 (1) (c) fuq imsemmi.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fit-12 ta’ Jannar, 2004 u tordna li ssir l-annotazzjoni mitluba mid-Direttur tar-Registru Pubbliku. L-ispejjes jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------